**Il-Ħamis**

**L-1 ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Tielgħa x-xemx, f'nirien ta' ħmura:
tistedinna lkoll biex nindmu,
u tfakkarna f'kemm mistħija
naqgħu, jekk fid-dawl nidinbu.
2.
Ejja nwarrbu minna l-għama
li żmien twil ilu jfixkilna,
u ħariġna bosta drabi
mit-triq t'Alla 'l bogħod mis-sewwa.
3.
Jalla d-dawl fis-sliem iżommna,
biex inħarsu fommna w qalbna
ħielsa minn kull qerq u ħjiena,
minn kull tebgħa w dell ta' ħtija.
4.
Hekk il-jum ngħadduh fit-tajjeb,
ma jkun qatt fid-dlam ilsienna
jew idejna jew għajnejna,
imma l-ġisem kollu jiddi.
5.
Il-Mulej, mill-għoli tiegħu,
ta' kuljum iħares lejna;
u, minn tlugħ ix-xemx sa nżulha,
hu jqis kollox, kull ma nagħmlu.
6.
Glorja lill-Missier, lill-Iben,
lill-Ispirtu s-Santu, Alla:
bħalma msebbaħ kien mill-bidu,
hekk jissebbaħ issa w dejjem. **Amen.**

**SALMODIJA**

Ant. 1 Qum, arpa u ċetra! Ħa nqajjem sbiħ il-jum!
L-Għid: Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla, hallelujah.

**Salm 56 (57)**

Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija, *
għax fik jiena nsib il-kenn tiegħi;

għad-dell ta' ġwenħajk nistkenn, *
sakemm jgħaddi l-hemm minn fuqi.
Insejjaħ lil Alla, l-Għoli, *
lil Alla, li jieħu ħsiebi.

Jibgħat mis-sema jsalvani; †
jitfa' l-għajb fuq min jgħaffiġni; *
jibgħat Alla t-tjieba u l-fedeltà tiegħu.
Ninsab mimdud qalb l-iljuni, *
li jaħtfu lill-bnedmin;
snienhom lanez u vleġeġ, *
u lsienhom sejf misnun.

Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla! *
Uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha!
Xibka ħejjewli fil-mogħdija; *
għal ftit ma waqajtx fiha.
Ħofra ħaffruli quddiemi, *
iżda huma waqgħu fiha.

Sħiħa qalbi, o Alla, sħiħa qalbi; *
ħa ngħanni u ninseġ għanja:

"Qum, ruħ tiegħi, qum, arpa u ċetra! *
Ħa nqajjem sbiħ il-jum!"
Infaħħrek, Sidi fost il-popli, *
ngħannilek fost il-ġnus;
għax m'għola s-smewwiet it-tjieba tiegħek, *
sas-sħab il-fedeltà tiegħek.

Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla! *
Uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha!

Ant. Qum arpa u ċetra! Ħa nqajjem sbiħ il-jum!
Ant. 2 Il-Mulej jgħid: Il-poplu tiegħi bil-ġid inxebbgħu.
L-Għid: Il-Mulej feda l-poplu tiegħu, hallelujah.

**Kantiku (Ġer 31,10-14)**

Isimgħu, ġnus, il-kelma tal-Mulej, *
xandruha 'l bogħod fil-gżejjer;

għidu: "Dak li jxerred lil Iżrael jiġbru *
u jħarsu, kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu."

Għax il-Mulej feda lil Ġakobb, *
ħelsu minn id wieħed aqwa minnu.
Għad jiġu u jgħannu fuq l-għolja ta' Sijon, *
u wiċċhom jiddi minħabba t-tjieba tal-Mulej,
minħabba l-qamħ u l-inbid ġdid u ż-żejt, *

u l-imrieħel tan-ngħaġ u l-baqar;
u huma jsiru bħal ġnien imsoqqi tajjeb, *
ma jkunux iżjed mifnija.

“Imbagħad jiżfnu x-xbejbiet bil-ferħ, *
jifirħu ż-żgħażagħ u x-xjuħ;
u jiena nbiddel il-vistu tagħhom f’hena, *
infarraġhom u nferraħhom wara l-hemm tagħhom;
il-qassisin tagħhom nimliehom bl-abbundanza, *
u l-poplu tiegħi bil-ġid inxebbgħu.”

Ant. Il-Mulej jgħid: Il-poplu tiegħi bil-ġid inxebbgħu.
Ant. 3 Il-Mulej hu kbir, u jistħoqqlu t-tifħir f’Sijon.
L-Għid: Dan hu Alla tagħna għal dejjem, hallelujah.

**Salm 47 (48)**

Kbir il-Mulej, ta’ min ifaħħru ħafna *
fil-belt ta’ Alla tagħna.
L-għolja qaddisa tiegħu, għolja mill-isbaħ, *
l-għaxqa ta’ l-art kollha.
L-għolja ta’ Sijon fil-qalba tat-tramuntana; *
hi l-belt tas-sultan il-kbir.
Alla fil-fortizzi tagħha *
wera ruħu bħal sur qawwi.

Ara, is-slaten ingħaqdu, *
imxew ilkoll flimkien;
kif rawha, baqgħu mistagħġba, *
tfixklu u ħarbu.
Hemm qabdithom rogħda kbira, *
u wġigħ bħal dak tal-ħlas.
Bir-riħ tal-lvant int tfarrak *
l-iġfna ta’ Tarsis. –

Kif smajna, hekk rajna f’belt il-Mulej ta’ l-eżerċti, †
fil-belt ta’ Alla tagħna. *
Alla jżommha sħiħa għal dejjem!
Naħsbu, o Alla, fuq it-tjieba tiegħek *
f’nofs it-tempju tiegħek,
Bħal ismek, o Alla, hekk tifħirek, †
sa truf l-art jasal. *
Il-leminija tiegħek bis-sewwa mimlija.

Tithenna l-għolja ta’ Sijon, †
jifirħu l-bliet ta’ Ġuda, *
minħabba l-ġudizzji tiegħek.

Duru ma’ Sijon, duru dawra magħha, *
araw kemm-il torri għandha.

Ħarsu sewwa lejn is-swar tagħha, †
duru bir-reqqa l-fortizzi tagħha, *
biex ixxandru lin-nisel ta' wrajkom:
Dan hu Alla! †
Alla tagħna għal dejjem ta' dejjem; *
Hu jmexxina għal dejjem.

Ant. Il-Mulej hu kbir, u jistħoqqlu t-tifħir f'Sijon.

**LEZZJONI QASIRA Is 66, 1-2**

Dan jgħid il-Mulej: Is-smewwiet it-tron tiegħi, fuq l-art inserraħ riġlejja. X'inhi d-dar li tistgħu tibnuli? Jew fejn jista' jkun il-post tal-mistrieħ tiegħi? Dawn kollha idejja għamluhom, u huma kollha tiegħi: kelma tal-Mulej. Fuq min nixħet għajnejja? Fuq il-fqir u l-bniedem ta' qalbu miksura, u fuq min jibża' mill-kelma tiegħi.

**RESPONSORJU QASIR**

R. B'qalbi kollha ngħajjatlek: * Weġibni Mulej. B'qalbi.
V. Irrid inħares il-kmandamenti tiegħek. * Weġibni, Mulej.
Glorja. B'qalbi.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija, u jeħlisna mill-għedewwa tagħna.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.

U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,

biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,

ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Ant. tal-kant. ta' Żakkarija Naqdu lill-Mulej bil-qdusija, u jeħlisna mill-għedewwa tagħna.

**PREĊI**

Inroddu ħajr lil Sidna Ġesù Kristu, li ħalliena naraw id-dawl ta' din il-ġurnata, u minn qalbna ngħidulu:
*Mulej, berikna u qaddisna.*
Int offrejt lilek innifsek vittma għal dnubietna:
- noffrulek lilna nfusna, b'dak kollu li bi ħsiebna nagħmlu llum.
Int qiegħed thenni lil għajnejna bid-dawl ta' jum ġdid:
- kun il-kewkba ta' filgħodu li ddawwal lil qalbna.
Int ħanin u kollok mogħdrija magħna:
- agħtina grazzja li llum aħna wkoll inġibu ruħna hekk mal-proxxmu.
Fakkar na mas-sebħ fi tjubitek, Mulej:
- ikun il-ferħ tiegħek il-qawwa tagħna tul il-jum.

**Missierna**

**Talba**

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, miċ-ċokon tagħna noffru talb umli lill-kobor tiegħek, filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija; keċċi
d-dlamijiet tad-dnub minn qalbna, u imlihielna bid-dawl veru, li hu Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Amen.**